MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1419/2003

**Jamar Ltd.**
**vs**
**Charles Dimech**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Settembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tmien mitt lira Maltija (Lm800.00) u l-imghax mill-20 ta' April, 1999, bilanc minn somma akbar rapprezentanti din is-somma prezz ta' Truck Isuzu Elf bin-numru ta' registrazzjoni BBH-835. Bl-ispejjez u bl-imghax.**
**Ra illi fit-23 ta' Ottubru, 2003, il-konvenut iddikjara li qed jikkontesta t-talba attrici peress illi t-truck in kwistjoni ma giex mibjugh fl-intier tieghu.**
**Ra illi fit-22 ta' Gunju, 2004 il-konvenut eccepixxa ulterjorment illi t-talba attrici kif dedotta hija nsostenibbli stante li kif jirrizulta mid-dokument esebit a fol.21 u mix-xhieda ta' Jason Mifsud l-allegat**

**trasferiment tal-vettura BBH-835 ma sehhx kif rikjest mill-ligi u dan stante li ma tirrizulta minn imkien il-firma tal-konvenut in konnessjoni mal-istess.**

**Ra l-verbal tas-socjeta` attrici tat-28 ta' Novembru, 2003, li bih intalab li t-Tribunal jaghti provvediment dwar jekk il-konvenut ghandux jitqies kontumaci peress illi ma pprezentax risposta formali fir-registru.**
**Ra d-digriet tat-28 ta' Novembru, 2003, li bih t-Tribunal irrileva li dawn il-proceduri huma nformali u sommarji u ghalkemm huwa minnu illi ghal certi skopijiet ir-risposta tkun essenzjali bhal meta ssir kontro-talba, meta ghandek id-dikjarazzjoni tal-konvenut fl-Awla li qed jikkontesta t-talba attrici, fiha nnfisha tikkostitwixxi r-risposta anke jekk mhux prezentata fuq il-formula apposita.**

**Sema' x-xhieda ta' Jason Mifsud u ta' Charles Dimech. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Qed jintalab hlas ta' bilanc ta' prezz ta' vettura Truck Isuzu numru BBH-835.**
**2. Il-fatt li sar il-bejgh lill-konvenut jirrizulta mix-xhieda ta' Jason Mifsud, liema Truck kien inbiegh fl-20 ta' April, 1999, u dana versu l-prezz ta' tlett t'elef u erba' mitt lira (Lm3400).**
**3. Skond l-istess Mifsud, il-konvenut effetwa pagamenti u fadal il-bilanc mitlub. Gie redatt ukoll kuntratt ta' bejgh mal-konvenut, liema kuntratt hu esebit bhala Dok.JH2, u dan ma giex ffirmat mill-konvenut. Dan hu datat 20 ta' April, 1999. Meta l-konvenut ma hallasx il-bilanc intbghatulu ittra legali u ittra ufficjali.**
**4. Skond l-ittra Dok.JH mibghuta mid-difensur tas-socjeta` attrici lid-Direttur tal-Licensing and Testing Department, fejn gie rilevat li l-konvenut kien ghad fadallu jhallas bilanc lis-socjeta` attrici.**
**5. Skond Jason Mifsud, direttur tas-socjeta` attrici, Dimech mkien ffirma kambjala. Din ma gietx esebita. Dimech jikkonferma li t-transfer tal-vettura ma saritx.**

**6. Il-konvenut qed jibbaza d-difiza tieghu fuq il-fatt li ma sarx it-transfer tal-vettura.**

**7. Il-konvenut inoltre qed jghid li l-attur kellu jaghtih air cleaner, li kien nieqes, u dan ma nghatax. Lanqas ma jirrizulta li l-konvenut mar ghalih. Anzi jirrizulta li l-konvenut, li kien jaf li ser jaghmel hsara lill-magna jekk ihaddimha minghajr air filter, ghazel li hekk jaghmel, u saq it-truck minghajr l-air filter. Il-konvenut xehed hekk: "mistoqsi ghala soqta minghajr air filter, nwiegeb: ghax xtrajta."**

**8. It-Tribunal qed iqies li l-fatt li ghadu ma sarx it-trasferiment tal-vettura ma hux rilevanti ghal dik it-transazzjoni kummercjali li ghamlu l-partijiet, li giet accettata mill-konvenut, mhux biss bil-hlasijiet li ghamel, izda ukoll kif jirrizulta mix-xhieda tieghu. Li qed jintalab huwa l-bilanc dovut, liema bilanc kellu jithallas sal-20 ta' Awissu, 2000. Il-fatt li ma nghatax air filter kif qed jghid il-konvenut ma hix skuza li tezonerah milli jhallas dak dovut.**

**9. Dana qed jinghad ukoll fid-dawl ta' dak li rriteniet il-Qorti f'kawzi simili fejn inghad illi: "*….dak li huwa rilevanti sabiex tigi stabbilita` l-proprjeta` tal-istess vettura ma hux dak li sar ai fini tat-trasferiment u tal-licenja in kwistjoni mal-Kummissarju tal-Pulizija izda dak li jirrizulta mill-ftehim tal-bejgh*." (Regina Auto dealer Limited vs Miller Distributors Limited et noe deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Imhallef Onor. R.C Pace) fit-30 ta' Mejju, 2002).**

**10. Ghalhekk minn dak kollu li ntqal, sija fattwalment kif ukoll legalment, jidher li t-talba attrici ghandha tigi milqugha.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta pruvata, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800.00) bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------